**It-Tlieta**

**It-Tielet ġimgħa tas-salterju**

V. O Alla, ejja eħlisni.
R. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu. Hallelujah.

**INNU**

1.
Sid bla qjies, int ġbart f'post wieħed
l-ilmijiet ta' taħt is-sema,
u qegħedtilhom it-truf tagħhom
biex tagħżilhom mill-art niexfa.

2.
F'dan it-tielet jum, il-ħxejjex
nibtu taħt idejk setgħana,
biż-żerriegħa, skond il-għamla
ta' kull siġra bil-frott tagħha.

3.
Hekk, Mulej, bil-grazzja tiegħek,
saqqi llum lil ruħna niexfa
bid-dmugħ safi ta' l-indiema,
ħalli tagħti frott l-imħabba.

4.
Tiha l-qawwa, sabiex tisma'
minnek biss, u l-ħażen taħrab;
tfittex l-hena tagħha f'ġidek,
li mill-mewt iżommha ħielsa.

5.
Isma' talbna, Missier twajjeb,
w int, Waħdieni tiegħu u daqsu,
li ta' dejjem hi saltnatkom
ma' l-Ispirtu Faraġ tagħna. Amen.

**SALMODIJA**

Ant. 1 Il-Mulej hu madwar il-poplu tiegħu.
L-Għid: Is-sliem għalikom, jiena hu: la tibżgħux, hallelujah.

**Salm 124 (125)**

Min jitma fil-Mulej hu bħall-għolja ta' Sijon, *
li qatt ma titħarrek, imma fis-sod għal dejjem.
Bħalma l-għoljiet iduru madwar Ġerusalemm, *

hekk il-Mulej madwar il-poplu tiegħu,
minn issa u għal dejjem.
Ma jkun qatt ix-xettru tal-ħżiena
fuq l-art, wirt il-ġusti, *
biex ma jiġrix li l-ġusti
jmiddu jdejhom għall-ħażen.

Agħmel il-ġid, Mulej, lit-tajbin *
u lil dawk ta' qalbhom safja.

Imma 'l dawk li jgħawġu triqthom †
jitlaqhom il-Mulej ma' dawk li jagħmlu l-ħażen. *
Sliem għal Iżrael!

Ant. Il-Mulej hu madwar il-poplu tiegħu.
Ant. 2 Jekk ma terġgħux issiru bħat-tfal iż-żgħar, ma tidħlux fis-saltna tas-smewwiet.
L-Għid: Jittama Iżrael fil-Mulej, hallelujah.

**Salm 130 (131)**

Mulej, ma tkabbritx qalbi, *
anqas ma ntrefgħu għajnejja;
jien ma ġrejtx wara ħwejjeġ kbar, *
jew wara ħwejjeġ ogħla minni.

Imma żammejt ruħi fil-kwiet u l-mistrieħ, *
bħal tarbija f'ħoġor ommha;
bħal tarbija miftuma, *
hekk hi ruħi ġewwa fija.

Ittama, Iżrael, fil-Mulej, *
minn issa u għal dejjem.

Ant. Jekk ma terġgħux issiru bħat-tfal iż-żgħar, ma tidħlux fis-saltna tas-smewwiet.
Ant. 3 Mulej, għamiltna għal Alla tagħna saltna u qassisin.
L-Għid: Lilek jaqdu l-ħlejjaq kollha, għax int tkellimt u huma saru, hallelujah.

**Kantiku (Apok 4,11; 5, 9-10.12)**

Mulej Alla tagħna, jistħoqqlok tirċievi *
l-glorja, il-ġieħ u l-qawwa,
għax int ħlaqt il-ħwejjeġ kollha; *
bir-rieda tiegħek kienu u nħalqu.

Int jistħoqqlok tieħu l-ktieb *
u tikser is-siġilli tiegħu,
għax int qatluk, u b'demmek ksibt għal Alla *
bnedmin minn kull tribù u lsien,
minn kull poplu u ġens,

u għamilthom għal Alla tagħna Saltna u Qassisin *
li għad isaltnu fuq l-art.

Il-Ħaruf li kien maqtul jistħoqqlu jirċievi †
l-qawwa, l-għana, l-għerf u s-saħħa, *
il-ġieħ u l-glorja u t-tifħir.

Ant. Mulej, għamiltna għal Alla tagħna saltna u qassisin.

**LEZZJONI QASIRA Rum 12,9-12**

Qisu li l-imħabba tagħkom ma tkunx wiċċ b'ieħor; taħmlux il-ħażen; żommu mat-tajjeb. Ħobbu lil xulxin bħal aħwa; żommu wieħed lill-ieħor akbar minnkom fil-ġieħ. Tħallux il-ħerqa tagħkom tibred, tħeġġu fl-ispirtu, aqdu l-Mulej; kunu ferħanin fit-tama tagħkom, kollkom sabar fl-hemm, itolbu bla waqfien.

**RESPONSORJU QASIR**

R. Mulej, għal dejjem * Tibqa' l-kelma tiegħek. Mulej.
V. Il-fedeltà tiegħek minn nisel għal nisel. * Tibqa' l-kelma tiegħek. Glorja. Mulej.

Ant. tal-kant. ta' Marija L-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla, is-Salvatur tiegħi.

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, *
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh
fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. *
Iva, minn issa 'l quddiem
kull nisel jibda jsejjaħli hienja.
Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar; *
qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien *
fuq dawk li jibżgħu minnu.

Hu wera l-qawwa ta' driegħu, *
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom, *
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ, *
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.

Ħa ħsieb Iżrael, qaddej tiegħu, *
għax ftakar fil-ħniena tiegħu
- bħalma wiegħed lil missirijietna - *
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem.

**Glorja …**

Ant. tal-kant. ta' Marija L-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla, is-Salvatur tiegħi.

## PREĊI

Alla jżomm lill-poplu tiegħu sħiħ fit-tama tal-ġid li wiegħdu. Nistqarru ferħana u ngħidu:
*Mulej, inti t-tama tal-poplu tiegħek.*
Niżżuk ħajr, Mulej, għax bi Kristu stagħnejna f'kollox:
- magħqudin miegħu, aħna mtlejna b'kull don ta' kliem u għerf.
O Alla, li f'idejk jinsabu l-qlub tas-setgħana, żejjen b'għerfek il-mexxejjatan-nazzjonijiet:
- agħmel li jfittxu d-dawl tiegħek biex jaqdu dmirijiethom, ħalli jogħġbu lilek fil-ħsieb u fl-għemil.
Int tqanqal l-imgħallmin f'kull xorta ta' arti biex bid-dehen u l-ħila tagħhom jagħtuna ħjiel ta' ġmielek:
- permezz ta' l-opri tagħhom wassal f'kull rokna tad-dinja r-raġġi qawwija tat-tama u l-ferħ.
Int ma tħalliniex niġġarrbu aktar milli nifilħu:
- qawwi lil min hu dgħajjef u qajjem lil min waqa'.
Int wegħedtna l-qawmien mill-imwiet b'Ibnek fl-aħħar jum.
- tinsiex għal dejjem lil ħutna li ħarġu minn did-dinja.

**Missierna**

### Talba

Jitla' quddiem it-tjieba tiegħek, Mulej, dan it-talb tagħna ta' filgħaxija, u tinżel fuqna l-barka tiegħek, biex bl-għajnuna tiegħek inkunu salvi issa u għal dejjem. B'Ibnek.

### Għeluq

Il-Mulej iberikna, iħarisna minn kull deni, u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem. **Amen.**